MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 13/2002/3

**Wara l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 86/98 fl-ismijiet: Lawrence Tabone f'ismu u bhala mandatarju ta' l-imsiefrin hutu Joseph Tabone u Josephine mart Paul Baker; Margaret mart Saviour Buttigieg; Angela mart Joseph Buttigieg; u Rose mart Anthony von Brockdorff**

**v.**

**Raymond Tabone**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan hu appell ta' Raymond Tabone mis-sentenza li gejja moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fit-22 ta' Ottubru, 2002, wara rikorsipprezentat minn Raymond Tabone fid-9 ta' April, 2002 li tghid hekk:
**"Il-Qorti,**
**Rat ir-rikors u r-risposta;**

**Rat ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet, bid-dokumenti annessi;**

**Rat l-Art. 836 (8) tal-Kap. 12 li fuqu hija ibbazata t-talba prezenti;**

**Innotat illi r-rikorrent jikkontendi illi din il-Qorti ghandha tiffissa penali a tenur ta' dan l-artikolu, sabiex tithallas mill-intimati talli dawn ma segwewx il-Mandat ta' Inibizzjoni li kien inhareg fuq talba taghhom bil-kawza relattiva;**

**Huwa minnu dak li irrilevat il-Qorti ta' l-Appell fuq kwistjoni simili fir-rikors fl-ismijiet "Joseph Rapa vs Raymond Sammut" (Cit. Nru 1650/00 GCD) deciz fit-13 ta' Marzu, 2001, li l-Qorti ftit ghandha diskrezzjoni f'dan ir-rigward u li "il-legislatur kien rigidu ghaliex ir-rikorrent kreditur ma jkunx ghamel il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stipulat mil-ligi". Imma jkompli jinghad fl-istess sentenza illi "hu fatt illi s-subinciz 8 ta' l-Art. 836 jipprovdi illi l-Qorti <u>tista'</u> tikkundanna lir-rikorrent li jhallas penali", li verament hu indikattiv ta' certa diskrizzjonalita` moghtija lill-Qorti u kellha biss taghzel li ma timponix tali penali f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha";**

**Fil-kaz in ezami jirrizulta illi l-intimati prezenti kienu fil-fatt ipproponew kawza in sostenn tal-Mandat mahrug fuq talba taghhom. Imma gara illi dik il-kawza giet dikjarata difettuza b'sentenza ta' din il-Qorti, kif konfermata mill-Qorti ta' l-Appell, peress illi fic-citazzjoni taghhom l-atturi (l-intimati prezenti) kienu talbu biss il-perpetwazzjoni ta' l-inibizzjoni minghajr ma ressqu t-talba dwar id-drittijiet minnhom pretizi;**

**F'tali cirkostanzi fejn saret kawza, ghalkemm difettuza, fiz-zmien stipulat mil-ligi, l-Qorti hija tal-fehma illi jezistu proprju l-estremi msemmija mill-Qorti ta' l-Appell, li jippermettulha tuza l-poteri diskrezzjonali taghha biex b'sens ta' gustizzja ma timponix il-penali msemmija fl-Art. 836(8). Hawnhekk certament ma kienx il-kaz li l-intimati kapriccozament bi traskuragni jew ghax ma kienux konvinti mill-pretensjonijiet taghhom, naqsu li jintavolaw il-kawza fiz-zmien stipulat wara l-hrug tal-Mandat;**

**Ghalhekk tiddeciedi dwar ir-rikors billi tichad it-talba;**

**L-ispejjez fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa."**

**<u>L-APPELL TA' RAYMOND TABONE U R-RISPOSTA TA' L-APPELLATI</u>**

2.1 Raymond Tabone hass ruhu aggravat bis-sentenza moghtija minn dik il-Qorti u interpona appell fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti interpretat hazin l-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12, u ezercitat diskrezzjoni favur l-intimati appellati meta in effetti fil-ligi tali diskrezzjoni ma messha qatt giet ezercitata b'dan il-mod. Skond l-appellant Raymond Tabone dan kien kaz car fejn l-ewwel Qorti kellha timponi l-penali, u dan anke in vista tal-fatt li l-kontro-parti zammitu ghal tlett snin shah inibit, u cioe` sakemm kien hemm id-decizjoni finali fuq il-kawza minnhom proposta, kemm fl-ewwel grad kif ukoll fi grad ta' appell, kawza li irrizulta li kienet monka minhabba l-mod kif saret it-talba.

2.2 L-appellati, min-naha taghhom, jikkontendu li l-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha korrettement. Fir-risposta taghhom huma jissottolinjaw li l-kawza huma kienu ipproponewha fiz-zmien preskritt.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

3. Skond l-appellant, l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni zbaljata ta' l-Artikolu 863(8) tal-Kap. 12, b'dana li l-istess Qorti ezercitat "diskrezzjoni favur l-intimati (l-odjern

appellati) meta in effett fil-ligi tali diskrezzjoni ma messha qatt giet ezercitata”.

4. Fil-qosor u bhala sfond tal-fatti, jirrizulta li l-appellati ottjenew il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-appellant Raymond Tabone. In segwitu, l-appellati intavolaw kawza in sostenn tal-mandat ta’ inibizzjoni hekk mahrug, pero` finalment irrizulta – wara decizjoni li giet ukoll ikkonfermata fl-istadju ta’ appell – li dik il-procedura kienet wahda difettuza u fil-fatt it-talba taghhom giet michuda. In konsegwenza ta’ dan l-ezitu, l-appellant deherlu li ghandu jippromwovi rikors a tenur ta’ l-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12, li jiddisponi kif gej:-

“Il-qorti tista’ tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta’ mhux inqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f’kull kaz minn dawn li gejjin:

(a) jekk ir-rikorrent ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi;

– omissis –

(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b’malizzja, tkun frivola jew vessatorja.”

B’referenza ghas-suespost, din il-Qorti illimitat ruhha ghal dawk il-partijiet minn dana l-artikolu li fil-fehma taghha ghandhom rilevanza ghall-appell in ezami.

5. L-appellant qieghed isostni li, ghalkemm huwa minnu li l-Qorti ghandha poter diskrezzjonali f’kazi ta’ din ix-xorta u ghalkemm huwa veru wkoll li l-appellati pprezentaw kawza wara l-otteniment ta’ mandat kawtelatorju, l-imsemmija kawza “ma setghetx tigi interpretata bhala li saret in sostenn tal-mandat billi kienet difettuza u kwindi “kuntrarjament ghal dak li tirrikjedi l-ligi, l-intimati (i.e. l-appellati) ma ddeducewx il-meritu ta’ dik il-pretensjoni taghhom illi l-mandat kien suppost jittutela u jikkawtela.”

Tali irritwalita` da parti ta' l-appellati ma kellha qatt tiskuza lill-appellati. Ir-rizultat ta' dan kollu, dejjem skond l-appellant, kien li bit-trapass ta' zmien biex il-vertenza gudizzjarja tigi konkjuza, l-appellati gew li tellfu "dolozament" lill-appellanti "mit-tgawdija ta' hwejgu".

6. Din il-Qorti, wara li qieset is-sottomissjonijiet kemm ta' naha u kemm ta' ohra, m'hijiex tal-fehma li l-aggravji ta' l-appellant huma fondati. Huwa pacifiku li, minkejja li l-ligi tal-procedura tispecifika kjarament liema huma dawk il-kazi li fihom ghandha tapplika s-sanzjoni ta' imposizzjoni ta' penali, il-poter vestit fil-Qorti jibqa' dejjem wiehed ta' natura diskrezzjonali. Fi kliem iehor, il-Qorti m'hijiex obbligata li bilfors u f'kull kaz li jkun, timponi penali u dan ghaliex il-ligi tghid biss li "Il-Qorti <u>tista'</u>…." (sottolinear tal-Qorti) u mhux "ghandha".

7. Ghalkemm l-ewwel kaz kif ipprospettat fl-Artikolu 836(8) huwa meta r-rikorrent jonqos milli jistitwixxi kawza fiz-zmien stabbilit bil-ligi, jirrizulta li f'dan il-kaz ir-rikorrenti <u>bhala fatt ipprezentaw kawza kontra l-appellant</u>. L-argument ta' l-appellant hu dak li billi finalment kien hemm gudikat fis-sens li din il-kawza kienet wahda difettuza u giet ghalhekk respinta, allura dan kien jammonta daqs li kieku l-appellati ma pprezentaw ebda kawza. Bir-rispett kollu, tali sottomissjoni, li <u>del resto</u> gia` tressqet u giet ikkonsidrata <u>funditus</u> mill-Qorti ta' l-ewwel grad, hija wahda infondata. Dak li proprjament kellha tindaga l-Qorti huwa jekk din il-kawza saritx b'mod li kienet tippekka kontra dak li hemm specifikat fis-subinciz (d), tas-subartikolu 8 ta' l-Artikolu 836 tal-Kap. 12, jigifieri jekk l-istess talba tar-rikorrenti kienitx wahda <u>li saret b'malizzja jew li kienet talba frivola jew vessatorja</u>. Fir-realta` dan kollu diga` gie meqjus mill-ewwel Qorti (ara l-ahhar parti tad-decizjoni appellata, hawn aktar 'l fuq riportata), u din il-Qorti ghalhekk ma tifhimx l-insistenza ta' l-appellant li jkompli jishaq 'ad oltranza' fuq l-istess ragjonamenti li ressaq fl-ewwel istanza u li dwarhom dik l-ewwel Qorti iddeliberat. Gustament – u korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti – l-ewwel Qorti ikkunsidrat is-segwenti:

(i) li hu fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk din ghandhiex timponi penali jew le fil-kaz idoneju;

(ii) li bhala fatt l-appellati kienu pproponew kawza in sostenn tal-mandat mahrug fuq talba taghhom;

(iii) li r-raguni l-ghala l-istanza ta' l-appellati giet respinta kienet minhabba "illi fic-citazzjoni taghhom (l-intimati appellati prezenti) kienu talbu biss il-perpetwazzjoni ta' l-inibizzjoni minghajr ma ressqu t-talba dwar id-drittijiet minnhom pretizi;

(iv) li, tenut kont tal-premess, dik il-Qorti dehrilha "illi kienu jezistu l-estremi msemmija mill-Qorti ta' l-Appell, li jippermettilha tuza l-poteri diskrezzjonali taghha biex b'sens ta' gustizzja ma timponix il-penali msemmija fl-Artikolu 836(a)";

(v) li hawnhekk "certament ma kienx il-kaz li l-intimati kapriccozament, bi traskuragni jew ghax ma kienux konvinti mill-pretensjonijiet taghhom, naqsu li jintavolaw il-kawza fiz-zmien stipulat wara l-hrug ta' mandat."

8. Din il-Qorti ma tistax hlief taghmel taghha dak li gie ritenut mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Il-kawza promossa mill-appellati la jirrizulta li harget b'malizzja, la wahda li kienet frivola ghaliex irrizulta invece li kienet kawza pertinenti u attinenti ghall-pretensjoni li l-istess appellati dehrilhom li setghu jivvantaw kontra l-appellant; u bil-fatt biss li l-impostazzjoni taghha bil-mod kif it-talba giet dedotta jew id-dewmien li hadet sakemm giet finalment aggudikata ma jfissirx li kienet kawza vessatorja.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tar-rikorrent appellant bl-ispejjez relativi ghal din l-istanza a karigu unikament ta' l-istess appellant.

L-ispejjez relativi ghall-ewwel istanza jibqghu invarjati minn kif deciz mill-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------